MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 986/1977/1

**Maġġur Victor Aloysius Tonna u martu Mary Tonna**
**u b'digriet tas-26 ta' Ġunju 2009 stante l-mewt ta'**
**Mary Tonna**
**fil-mori tal-kawża l-ġudizzju f'isimha ġie trasfuż**
**f'isem l-istess Maġġur Victor Tonna bħala mandatarju**
**tal-imsiefer Veronica Gomes, David u Julian aħwa**
**Tonna**
**kif ukoll f'isem Philip Tonna**

**v.**

**Emanuel Grech f'ismu proprju kif ukoll fil-kwalita`**
**tiegħu ta' stralċjarju in rappreżentanza tas-soċjeta`**
**Tyblock Ltd u**

**għal kull interess li jista' jkollhom lil Edwin Zammit Tabona, Anthony Zammit Tabona, Joseph Zammit Tabona,**
**Colonel Godfrey Zammit Tabona, Anthony Zammit Tabona,**
**Joseph Zammit Tabona senior, Richard Zammit Tabona**
**u Anthony sive Barthy Zammit Tabona u b'digriet tal-24 ta' April, 1978 ġew kjamati fil-kawża Edwin Zammit Tabona**
**u Anthony Zammit Tabona bħala diretturi u in rappreżentanza**
**tas-soċjeta` Malta Steel Company Ltd u b'digriet tat-23 ta' Marzu 2006 l-Avukat Dottor Mark Busuttil**
**u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ġew nominati**
**bħala kuraturi deputati biex jirrapreżentaw l-eredita` ġiaċenti**
**tad-decujus konvenuti Edwin Zammit Tabona, Anthony Zammit Tabona, Joseph Zammit Tabona**
**u Col. Godfrey Zammit Tabona u b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2010**
**l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar**
**u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno ġew nominati bħala**
**kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw l-eredi mhux magħrufa**
**ta' Richard Zammit Tabona li miet fil-mori tal-kawża**

**1.** Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Mejju 2009 li permezz tagħha laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati u ċaħdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.

**<u>Ċitazzjoni tal-atturi</u>**

**2.** B'ċitazzjoni ppresentata mill-atturi fl-allura Qorti tal-Kummerċ fil-15 ta' Novembru, 1977 l-atturi appellanti talbu li l-konvenuti jgħidu għaliex dik il-Qorti m'għandhiex tiddikjara illi in-nuqqasijiet imsemmija fl-istess ċitazzjoni

jiġġustifikaw it-tneħħija ta' l-istralċarju Emanuel Grech, għaliex konsegwentement ma għandux jiġi imneħħi bħala stralċarju u jiġi nominat stralċarju ieħor biex ikompli l-istralċ tas-soċjeta`; il-għaliex ma għandux jiġi dikjarat illi kemm l-iskrittura privata tat-8 ta' Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino kif ukoll il-pagament lil Malta Development Corporation ta' 'grant' parzjali fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tal-15 ta' Ottubru 1976 huma nulli u bla effett fil-liġi, u il-għaliex minħabba l-istess raġunijiet l-istralċarju Emanuel Grech ma għandux jiġi dikjarat personalment responsabbli għal kull dannu li soffrew l-istanti likwidabbli f'ġudizzju separat.

**3.** Il-fatti miġjuba fiċ-ċitazzjoni promotorja tal-ġudizzju u li minnhom jilmentaw l-atturi huma kif ġej:
"Illi l-konvenut Emanuel Grech b'digriet tal-5 ta' Awissu 1974 nominat stralcarju tas-socjeta` Tyblock Ltd u sa mill-ewwel granet tal-istralc naqas mid-dmirijiet tieghu kif stipulati fl-Ordinanza X tas-sena 1962 dwar is-Socjetajiet Kummercjali billi naqas milli jiltaqa' ma l-attur Victor Tonna sabiex dana jghidlu dwar l-andament tas-socjeta` li taghha kien Managing Director (Art. 42 ta' l-Ordinanza) u ghal dan l-iskop kitiblu diversi drabi (Dok 'A', 'B', 'C' u 'D') minghajr ma rceva risposta u;

"Illi ttransiga fuq diversi punti minghajr il-kunsens bil-miktub tas-socji kollha fosthom meta bi skrittura privata datata 8 ta' Ottubru 1976 fl-Atti tan-Nutar Paul Pullicino biegh ilfabbrika minn fejn kienet topera is-socjeta` Tyblock Ltd lillsocjeta ohra Malta Steel Co. Ltd li ghandha bhala Diretturi il-konvenuti Edwin Zammit Tabona, Anthony Zammit Tabona u Joseph Zammit Tabona azzjonisti ukoll tat-Tyblock Ltd (liema fabbrika bl-art madwarha l-imsemmija Diretturi kienu diga bieghu lis-socjeta` Malta Metals Moenninghoff Limited fis-17 ta' Settembru 1976 fl-att tan-Nutar Dottor Joseph Brincat (Dok. 'E') u ghal dan l-iskop id-Diretturi Tabona marru id-dar ta' l-istralcarju biex jinnegozjaw il-prezz u l-fabbrika inbieghet LM1600 meta kienet giet stmata mill-Arkitett u Inginier Civili Mangion & Vassallo fit-13 ta' Marzu 1970 ferm aktar (Dok 'F') liema stima kienet saret fuq istruzzjonijiet tal-istess Zammit Tabona – kollox minghajr konoxxenza tal-istante u

ghalhekk dana sar illegalment u in frode tad-drittijiet taghhom kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Illi ukoll fil-laqgha Generali tas-socjeta` Tyblock Ltd li saret fl-14 ta’ Ottubru 1977 l-istralcarju pprometta illi jibghat lill-atturi kopji ta’ l-att ta’ trasferiment kif ukoll gie interpellat mill-Avukat tal-atturi (Dok ‘G’) pero’ baqa inadempjenti;

“Illi l-istralcarju wkoll ghamel xi pagamenti qabel ma giet sodisfatta u mhallsa lill-attur Victor Tonna s-somma ta’ £M200 parti mis-somma ta’ £M5207 dovuta lilu ghallarretrati ta’ salarju in forza ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Spiteri Maempel liema somma giet accettata u konfermata mill-istess stralcarju u l-£M200 huma privileggjati skont l-Art 21 tal-Conditions of Employment (Regulations) Act 1952;

“Illi l-istess stralcarju naqas milli jzomm il-Laqgha Generali ta’ kull sena tul l-istralc u l-ewwel laqgha li saret fi tlett snin fid-9 ta’ Settembru 1977 kellha tigi posposta peress illi ma kienitx imsejjha skont l-istatut tas-socjeta`;”

**L-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kollha barra Emanuel Grech *proprio et nomine***

**4.** Il-konvenuti minbarra Emanuel Grech proprio et nomine permezz ta’ nota ta’ eċċezzjonijiet ppreżentata fit-28 ta’ Diċembru 1977 eċċepew illi:
“Preliminarjament, jidher li mhux l-interessati kollha jinsabu fil-kawza billi, skont ir-registru tar-Registratur tal-Kumpannija, mitt stores fil-kumpannija Tyblock Ltd jappartienu il Maggur Tonna u lil Dennis Degiorgio flimkien (jointly);

“Fil-meritu u sa fejn huma interessati l-eccipjenti, lallegazzjonijiet attrici huma ghal kollox infondati u juru biss nofs il-verita u, ghalhekk, huma insostenibbli. F’kull kaz, l-istanza hi ukoll intempestiva ghax l-atturi kien imisshom stennew id-definizzjoni ta’ li stralc;

“Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra;”

Iżda fis-seduta tas-16 ta' Settembru 1978 (fol. 60) l-istess konvenuti rrinunzjaw għall-ewwel eċċezzjoni tagħhom fuq riprodotta.

**L-eċċezzjonijiet tal-konvenut Emanuele Grech f'ismu proprju u bħala stralċjarju in rappreżentanza tas-soċjeta` Tyblock Ltd**

**5.** Permezz ta' nota ppreżentata fit-3 ta' Jannar 1978 il-konvenut Emanuel Grech f'ismu proprju u bħala stralċjarju in rappreżentanza tas-soċjeta` Tyblock Ltd. eċċepixxa illi:
"Illi d-domandi attrici huma infondati billi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tieghu li jiggustifika t-tnehhija tieghu minn stralcarju, in-nullita` tal-iskrittura u pagament imsemmija fl-att tac-citazzjoni, jew ir-responsabbilita tieghu ghal xi dannu li jghidu li sofrew l-atturi;

"Salvi eccezzjonijiet ohra;"

**L-eċċezzjonijiet tal-kjamati fil-kawża Edwin Zammit Tabona u Anthony Zammit Tabona bħala diretturi in rappreżentanza tas-soċjeta` Malta Steel Company Ltd**

**6.** B'digriet tal-24 ta' April 1978 l-ewwel Qorti ordnat li jiġu kjamati fil-kawża Edwin Zammit Tabona u Anthony Zammit Tabona bħala diretturi in rappreżentanza tas-soċjeta` Malta Steel Company Ltd li permezz ta' nota ppreżentata fil-31 ta' Mejju 1978 eċċepew:
"Illi huma jassocjaw ruhhom ma l-eccezzjonijiet diga moghtija mill-konvenuti a fol. 20 u 22 tal-process u ghalhekk jecepixxu l-infondatezza fid-dritt u fil-fatt tad-domanda attrici u wkoll l-intempestivita taghha."

**L-eċċezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dr Mark Busuttil u PL Veronica Rossignaud**

**7.** Permezz ta' digriet tat-23 ta' Marzu 2006 l-ewwel Qorti nnominat lil Dr. Mark Busuttil u lill-prokuratur legali Veronica Rossignaud kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eredita` ġiaċenti tad-decuius konvenuti Edwin Zammit Tabona, Anthony Zammit Tabona, Joseph Zammit

Tabona u Col. Godfrey Zammit Tabona u dawn b'nota tat-13 ta' Ġunju 2006 eċċepew li ma kienux edotti mill-fatti u li għalhekk kienu qed jirriservaw d-dritt li jippreżentaw l-eċċezzjonijiet fi stadju ulterjuri.

**<u>Is-sentenza appellata.</u>**

**8.** Wara li rriproduċiet l-att taċ-ċitazzjoni promotorju tal-ġudizzju u t-talbiet tal-atturi kif ukoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kollha, tal-kjamati fil-kawza u tal-kuraturi, li ġia` ġew riprodotti f'din is-sentenza, u wara li rreġistrat id-diversi tappi tal-iter tal-proċeduri l-ewwel Qorti għaddiet biex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu kif fuq ingħad[1] wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:
"Illi l-perit legali ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet fir-relazzjoni tieghu :

"KONSIDERAZZJONIJIET

"Huwa pacifikament assodat fil-gurisprudenza u d-duttrina legali illi wara r-rizoluzzjoni tax-xoljiment, l-iskop tas-Socjeta` jinbidel u jittrasforma ruhu mlnn dak ta' prosegwiment ta' attivitajiet normali kummercjali ghal dak ta' realizazzjoni tal-assi u hlas tal-passivita` u distribuzzjoni bejn is-socji ta' dak li jkun baqa biex issocjeta` tigi estinta.

"Hekk ukoll huwa accettat illi l-funzjoni tal-likwidatur appuntat mis-socji jew mill-Qorti ta' socjeta` dixxjolta huwa dak li 'inter alia' jikkostodixxi l-patrimonju tas-socjeta` affidat lilu (Vol. XVI p.111 P.69), jinvestiga l-pretizi kollha avvanzati kontra s-socjeta` mill-kredituri taghha, jaghmel pjan ta' distribuzzjoni tal-attiv, jiddeciedi l-kwistjonijiet ta' gradwazzjoni Ii jinqalghu, jahseb ghat-tqassim meta l-pjan ikun approvat, ihallas dak li ghandu jittiehed mis-socjeta` f'daqqa wahda jew b'rati skont kif l-attiv tas-socjeta` jippermetti, u jassikura illi r-rendikont tieghu jkun verifikat minn uditur.

---

[1] Ara par. 1 *supra*

“Dawn il-funzjonijiet huma ben definiti fl-Artikoli 157 sa 161 tal-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali (Kap.168).

“F'din l-istanza l-atturi qaghad jitolbu:-

“(i) Ii l-likwidatur Emanuel Grech jigi mnehhi minhabba lallegati nuqqasijiet minnhom specifikati fil-korp taccitazzjoni;

“(ii) Ii l-atti tat-8 ta' Ottubru 1976 u tal-I5 ta' Ottubru 1976 jigu dikjarati nulli.

“(iii) Ii l-likwidatur jigi dikjarat responsabbli ghad-danni.

“Issa n-nuqqasijiet espressament dettaljati mill-atturi filkorp tac-citazzjoni jikkonsistu fis-segwenti:-

“(a) Ii l-likwidatur naqas Ii jikkomunika mal-attur Victor Tonna biex dan jghidlu dwar l-andament tas-Socjeta`, u Ii jzomm il-Laqgha Generali ta' kull sena;

“(b) Ii l-likwidatur ittransiga fuq diversi punti minghajr ilkunsens bil-miktub tas-socji u senjatament il-fatt tal-"bejgh" fit-8 ta' Ottubru 1976 tal-fabbrika lill-Malta Steel, bil-prezz ta' £MM1,600, in-nuqqas tal-ghoti tal-kopja talkuntratt ta' trasferiment, il-fatt ta' hlasijiet qabel ma thallas lilu s-somma ta' £MM200 bhala salarju privileggat, u l-fatt tan-nuqqas ta' zamma ta' Laqgha Generali ta’ kull sena tul l-istralc.

“Ghall-precizjoni jigi rilevat Ii l-atturi ma jispeciflkawx la ficcitazzjoni u lanqas fid-dikjarazzjoni, l-allegati pagamenti li jinghad li saru mill-istralċjarju. Fit-talbiet taghhom, pero', huma jiddomandaw ukoll dikjarazjoni ta' nullita` tal-att tal-I5 ta' Ottubru 1976 atti Nutar Joseph Brincat (fol.53) konsistenti fil-verita` f’kancellament tal-ipoteka konsegwita ghall-hlas lura mill-likwidatur lill-M.D.C. tas-somma ta’ £MM773 formanti parti mill-'grant' tal-istess M.D.C. lis-Socjeta Tyblock ai termini tal-kuntratt tal-1 ta' Dicembru 1967 (fol.215).

“Fil-kors tal-kawza, partikolarment fl-Affidavit tal-Maggur Victor Tonna (fol.175) l-atturi jestendu largament il-lista tal-presunti nuqqasijiet kommessi mill-istralċjarju.

“B' danakollu, l-esponenti hu tal-fehma li mhuwiex kompitu tieghu li jindaga fuq dawn il-lanjanzi in kwantu tali indagini tesorbita mill-isfera tac-citazzjoni.

“F'dan il-kuntest l-esponenti ma jistax ma jissenjalax ilprincipju maghruf illi l-gudikant ghandu fl-ghoti tassentenza joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni u ta' dak cirkoskritt fit-talbiet u l-eccezzjonijiet. Gie difatti ritenut illi "l-kawzali tad-domanda hija dik li hemm espressa fic-citazzjoni u ma tistax tigi mibdula, u mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni.” (Vol. XLVIII p.II p.777, Vol. XXXIV p.I p 85, u bosta ohrajn).

“Qabel ma jigu indagati l-lanjanzi tal-atturi ma jkunx inutili li jigi sottolineat illi hu wkoll principju assodat illi likwidatur (u dan japplika wkoll fil-kaz ta’ persuni ohra vestiti b'certa funzjoni specjali, ad exemplum, Arbitratur) ghandu, s'intendi entro i normi stabbiliti, diskrezzjoni fil-mod taloperat u tad-decizzjonijiet li jiehu. F’kazijiet konsimili jinsab accettat illi "the Court will only intervene if it is satisfied that the liquidator has not exercised his discretion in good faith or that he has acted in a way in which no reasonable liquidator could have acted." (Palmer's "Company Law", 21st Ed. 1968 p. 753).

“Issa l-gravami principall tal-atturi dwar l-operat tallikwidatur huma dawn:-

<u>“Ftehim dwar il-hlas tal-benefikati eretti fil-fabbrika</u>

“L-atturi jikkontendu illi l-likwidatur ma mexiex korrettement in kwantu:-

“(a) naqas li preordinatament ghall-bejgh ossija ftehim jitlob l-awtorizzazzjoni bil-miktub tas-socji kollha. Dan ma huwiex kontradett mill-konvenut Emmanuel Grech. Ara xhieda tieghu a fol. 375 et sequitur tal-process;

“(b) injora l-istima tal-proprieta' fl-ammont ta' £MM17,000 li kienet saret mill-Perit Stephen Mangion fl-1970 u li taghha hu kellu gharfien ghallanqas mit-22 tal Awissu 1974 (fol. 5) konsistenti f'ittra li l-attur bghatt lil likwidatur;

“(c) naqas li jottjeni valutazzjoni ta’ Arkitett ghallapprezzament tal-'enhancement’ kif klen indikat lilu mill-Avukat ta' fiducja, Dottor George DeGiorgio, fl-ittra tas-26 tal Settembru 1974. Il-likwidatur jaccetta li dan ma ghamlux (fol.375 et seq).

“Kontra din il-posizzjoni l-konvenuti jaffermaw illi:-

“(i) il-kera dovuta lil Malta Steel kienet ilha xi zmien ma tithallas. Ghal dan l-attur iwiegeb li hu kien hallas larretrati kollha sad-data tan-nomina tal-istralċjarju (fol. 200).

“(ii) li s-'shed' jew 'hut' fil-mument tal-ftehim kellu bosta hsarat u fi kliem ix-xhud Anthony Zammit Tabona (fol.304) kien waqa' 'in dispair', anke ghaliex dan kien ilu maghluq bejn 5 u 7 snin.

“(iii) li l-iskop tal-istima tal-Perit Mangion kienet billi f'dak izzmien kien hemm il-hsieb ta' amalgamazzjoni tat-Tyblock Ltd mas-Socjeta` Melita Ceramic. Ara xnieda ta' Godfrey Zammit Tabona (fol.329). Skont il-likwidatur, din l-istima saret biex it-Tyblock tigi koncessa grant/loan mill-M.D.C.
(seduta 29 Marzu, 1993).

“(iv) li skont Emmanuel Grech, apparti li l-ammont ta’ £M17,000 ma kienx sostanzjat, il-kotba tas-socjeta` kienu jistabilixxu illi n-nefqa ghall-bini tal-fabbrika kienet £M4165. 6s 10d.

“(v) li dejjem skont dan l-istess konvenut l-ammont ta' £M1600 wasal ghalih billi ha l-book value tal-fabbrika u ghamel deprezzament ta' 20% ghal kull sena.

“(vi) li l-fabbrikat ma giex reklamat ghall-'bejgh' in kwantu din kienet sitwata fuq art tal-Malta Steel u inoltre ma

kelIhiex access dirett ghal barra hlief minn fuq l-art talistess sidien tal-Malta Steel (Seduta 28 ta' Marzu 1994 fejn xehed Emmanuel Grech).

“(vii) Ii, skont il-konvenut Edwin Zammit Tabona, issitwazzjoni politika prevalenti fiz-zmien tal-ftehim, il-ftehim Ii sar ma setax jigi evitat ghax il-Gvern tal-gurnata kien qeghed jippressa biex l-art okkupata mill-Malta Steel u mit-Tyblock tigi moghtija lil ditta Germaniza, is-'shed' tat-Tyblock kien fuq art tal-Malta Malta Steel u l-kera talistess ma kienetx qed tithallas.

“Fl-umili fehma tal-esponenti, evalwati l-provi, naha jew ohra, f'dan il-kuntest, wiehed jinklina biex jissottometti illi lilment tal-atturi ma jiggustifikax ir-rimozzjoni tal-konvenut Emanuel Grech qua stralċjarju u jew xi htija fl-operat tieghu ghad-danni.

“Dan in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

“(i) Ibda biex ma jidherx li huwa tassattiv illi ghall-kull att singolu li jaghmel stralċjarju fil-kors tal-istralc huwa ghandu 'nolens volens' jitlob awtorizzazzjoni minn qabel tas-socji. In effetti Palmer ("Company Law") jispecifika li fost is-setghat akkordati lill-likwidatur hemm dik li jbiegh ilproprieta' ta' kumpanija u ghal dan il-fini ma kienetx mehtiega s-sanzjoni tal-Qorti. Ovvjament ukoll, jekk stralċjarju ma jkollux fakolta' li jezercita d-diskrezzjoni tieghu, li in ultima analisi dejjem tibqa' soggetta ghalliskrutinju tal-Qorti, l-operat tieghu jista' jigi incampat millarbitriju tas-socji, u dan s'intendi jistultifika l-obbjettiv talkompitu tieghu.

“(ii) Fit-tieni lok ma jidherx li l-atturi kkjarifikaw l-iskop talvalutazjoni li saret mill-Perit Mangion. In effetti jidher li din originarjament saret fuq talba ta' wiehed mis-socji u mhux ukoll tas-Socjeta`. Tant hu hekk li l-istess attur Maggur Tonna kien ghall-ewwel oggezzjona li l-kont tal-imsemmi perit jithallas mill-fondi tas-Socjeta`. Ara ittra tieghu datata 7 ta' Lulju 1970 (fol. 278 tal-process.).In effetti wkoll jidher li din l-istima kienet intiza ma' finalita` partikolari li fih kienet involuta l-Malta Development

Corporation kif hekk ukoll jidher mill-precitata ittra u li allura tikkonforta dak li xehed l-Istess stralċjarju fis-seduta tad-29 ta' Marzu 1993.

“(iii) Intant ukoll, nonostante din il-valutazzjoni, I-Balance Sheets ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicombru 1971, debitament iffirmati u approvati mill-atturi, issoktat turi Ifigura ta' £MM4165 - 6s 10d. ghall-"Factory Building" .

“(iv) Jista jigi obbjettat li l-istralċjarju naqas li jassikura stima ta' perit qabel ma kkonkluda l-akkordju mal-Malta Steel. Tenut rigward pero' tac-cirkostanzi kollha suelenkati ma jidherx li l-istralċjarju ippekka f’dak li ghamel f'dan ilkaz. Tabilhaqq l-ittra surreferita tal-Avukat De Giorgio datata 26 ta' Settembru 1974 ma naqsetx milli tippuntwalizza wkoll illi, oltre "an archiltect's opinion", fuq x'jikkostitwixxi 'enhancement', kien necessarju “a proper cognisance of all other connected circumstances as well as all tacts connected thereto and if ultimately Malta Steel Co. Ltd. have derived or are deriving any benefits therefrom".

“Dwar ir-rifuzjoni Iura lill-M.D.C. tal-hlas parzjali (£M773 tal-grant I-atturi jargomentaw:-

“(a) li l-pretensjoni tal-M.D.C. messha giet kontestata;

“(b) li dan il-hlas ma messux sar qabel ma thallset lill-atttur Maggur Tonna s-somma ta’ £MM200 parti minn salarju akbar dovut lilu u rikonoxxut in forza ta’ kuntratt.

“Invece l-konvenuti jsostnu li t-talba tal-M.D.C. kienet gustifikata in kwantu s-Socjeta` Tyblock ma ottemperatx ruhha mat-termini kontrattwali tal-Grant rizultanti mill-att tal-1 ta’ Dicembru 1967 (Dokument L E S 2 - fol.215). Dan jikkonfermah kemm l-Istralċjarju kif ukoll il-konvenut Edwin Zammit Tabona fl-Affidavit tieghu. Dwar il-Grant hemm ukoll il-kumment jew monitu fuq l-Accounts tas-Socjeta` Tyblock ghas-sena 1971 (Vide fol.354).

“Dippju’ l-istralċjarju kien korrett li ma jhallasx lill-attur larretrati tas-salarju minnnu pretiz galadarba dan il-fatt kien qed jigi kontestat gudizzjarment kif evidenzjat minn

“Dokument LG 1. Ghal dan l-attur iwiegeb billi jghid li listralċjarju kien accetta li hu kellu jiehu l-ammont pretiz. Dan pero’ mhuwiex korrett in kwantu l-istralċjarju mhux accetta izda irrikonoxxa li skont il-kotba tal-kumpanlja, lattur kellu jiehu is-somma tal £M520l. 85, 3. Ara ittra tallikwidatur datata 20 ta’ Awissu 1974. Intant ukoll dan lammont gie kontestat mis-socji l-ohra. (Citazzjoni Numru 889/77/S).

“In kwantu l-M.D.C. kien jiffigura bhala kreditur tas-Socjeta` likwidata l-istralċjarju ma setax jirrifjuta li jirrestitwixxi lkapital reklamat. Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc fit-22 tat April, 1879 (Vol.VIII p.759):

“Il cambiamento che succede allo scioglimento della societa' essendo circoscrltto ai rapporti tra i soci, non puo' lo scioglimento produrre alcun etfetto quanto agli interessi e ai diritti dei creditori della societa’; in modo che, non soffrendo pregiudizio di sorte, costoro possono esercitarli come prima, per la ragione che, per quanto la societa’ sia disciolta, reputasi nell'uso del commercio ancor sussistente onde liquidarsi; essa si prolunga per regolare il passato e mettere in ordine i suoi affari …….. “ (Ara wkoll Vol. XXIX.p.I p.I360). Konsegwentement ukoll ikollu jigi ritenut f’dan ir-rispett illi l-agir tal-istralċjarju huwa incensurabbli u ma jimmeritax ittnehhija tieghu u/jew li jwiegeb ghad-danni kif hekk pretiz mill-atturi.

“Jifdal issa li jigu kunsidrati l-punti l-ohra mqanqla mill-atturi u li ser jigu kunsiderati f’daqqa. L-atturi jilmentaw illi llikwidatur: -

“(i) naqas li jikkomunika ma l-atturi;

“(ii) naqas li jaghti kopja tat-trasferiment tal-fabbrika datat 8 ta’ Ottubru 1976 lill-atturi.

“(iii) naqas li jzomm l-Laqgha Generali ta’ kull sena tul l-istralc.

“(iv) L-esponenti jidhrilu illi ghalkemm kien ikun desiderabbli li l-istralċjarju jikkomunika mal-atturi (ghalkemm f’certi aspetti jidher li komunikazzjoni kien hemm) u li jaghti kopja tat-trasferiment, b’danakollu ma jidherx li wiehed jista jippretendi illi ghal daqshekk biss listralċjarju jisthoqqlu li jigi mwarrab. Kien forsi jkun xort’ohra l-kaz kieku l-atturi pprovaw illi l-agir talistralċjarju f’dawn il-kazijiet kien motivat minn animu doluz u skop frawdolenti versu l-atturi. Din il-prova importanti pero’ ma saretx u kwindi l-pregudizzjali sollevata mlll-atturi ghandha tigi skartata.

“Il-konvenut Emanuel Grech jaccetta, u anzi jammetti, li hu ma zammx il-laqgha Generali ta’ kull sena galadarba dan ma kkompletax l-istralc entro s-sena mill-bidu tal-hatra tieghu.

“Evidentement l-istralċjarju naqas milli debitament ihares wiehed mid-dmirijiet tieghu, kif hekk irid ukoll l-Artikolu 158 (1) Kap. 168. L-iskop naturali ta’ dan il provvediment tal-ligi huwa dak li joffri lis-socji aktar opportunitajiet ta’ gharfien, u kwindi, kontroll, tal-operat tal-istralċjarju billi hu kien ikun fl-obbligu "li jqieghed quddiem il-laqgha rendikont ta’ kull ma jkun ghamel u tat-tmexxija tal-istralc ma' tul is-sena ta’ qabel." B'hekk forsi wkoll anke din ilkawza setghat tigi evitata.

“B'danakollu dan in-nuqqas wahdu ma ghandux remotament ifisser awtomatikament u dejjem illi listralċjarju kkommetta atti lezivi ghall-interess tas-socjeta` jew tas-socji sakemm dan ma jigix ipprovat b'fatti inkonfutabbli, li ma huwiex il-kaz hawnhekk.
“In effetti l-ligi tipprovdi f'sitwazzjoni konsimili ghall-piena ta' penali (subinciz (2) ghall-Artikolu 158) izda mhux ukoll ir-rimozzjoni tal-istralċjarju.

“In rijassunt, l-esponenti umilment jissottometti illi, kunsidrati l-fattispecje f'dan il-kaz, kif hawn fuq spjegati u

ezaminati, it-talbiet attrici kif minnhom arginati fil-korp taccitazzjoni, ma jimmeritawx li jigu akkolti."

"Ikkunsidrat :

"Illi l-attur esebixxa a fol. 848 tal-process kopja ta' affidavit li kien esebixxa permezz ta' nota fil-5 ta' Mejju 1993 fi proceduri ohrajn (Citaz Nru 889/79). L-attur qal fin-nota tieghu illi dan l-affidavit tieghu kellu jigi kunsidrat mill-perit legali qabel ma ipprezenta ir-relazzjoni tieghu.

"Illi l-attur ipprezenta rikors fis-16 ta' Settembru 1994 (fol. 745) fejn talab lill-Qorti tordna lill-perit legali sabiex jiehu konjizzjoni ta' dan l-affidavit u jipprezenta rapport addizzjonali jew korrettorju. Il-perit legali wiegeb fis-sens illi ma hassx illi kellu ivarja l-konkluzjonijiet tieghu u il-Qorti tat digriet, illi ma sar l-ebda appell minnu, fejn iddikjarat illi ma kienx hemm lok ta' ebda provvediment ulterjuri (fol. 97).

"Illi in vista tas-suespost, u specjalment in vista tal-fatt illi irrelazzjoni tal-perit legali giet redatta wara illi l-perit legali ezamina bir-reqqa il-provi kollha u ghamel apprezzament validu tal-provi u tal-ligi in materja, il-Qorti, peress illi taqbel mal-konsiderazzjonijiet kollha u mal-konkluzjoni li ghaliha wasal il-perit legali minnha innominat, qeghda taddotta l-imsemmija relazzjoni u taghmilha bhala taghha.

"Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet tal-atturi."

**L-appell tal-atturi**

**9.** L-atturi ħassewhom aggravati bis-sentenza fuq msemmija tal-ewwel Qorti tal-21 ta' Mejju 2009 u b'rikors tad-29 ta' Ġunju 2013 appellaw minnha quddiem din il-Qorti u talbu li din il-Qorti għar-raġunijiet mogħtija fl-istess rikors ta' appell sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata li biha ġew miċħuda t-talbiet tal-atturi u wara li

tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż.

**10.** L-aggravji tal-appellanti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:
**L-ewwel aggravju** tal-attur huwa li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament leġġer tal-provi u straħet kompletament fuq ir-rapport tal-perit legali. Dan għalkemm) il-perit legali ppreżenta rapport mingħajr ma ħa konjizzjoni tal-affidavit tal-attur u ii) l-atturi għamlu nota ta' kritika tar-rapport peritali u l-ewwel Qorti ma tatx kasha.
**It-tieni aggravju** huwa dwar il-fatt li l-perit legali ikkonkluda li m'għandux għalfejn jindaga dwar lanjanzi oħra li xehdu dwarhom l-atturi u li kellu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni u ta' dak ċirkoskritt bit-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet.
- F'din il-kawża hemm talba sabiex jitneħħa stralċjarju u għalhekk il-provi kollha li nġiebu f'dan ir-rispett kellhom jingħataw importanza kemm mill-perit legali u kemm mill-ewwel Qorti;
- Hawn mhux il-każ li qed tiġi mibdula l-kawżali tad-domanda, iżda l-atturi kellhom d-dritt jispjegaw u jagħtu eżempji dwar in-nuqqasijiet tal-istralċjarju;
**It-tielet aggravju** - l-istralċjarju huwa "a fiduciary agent of the company". Illi hu injora stima ta' proprjeta` f'l-ammont ta' Lm17,000 u minflok innegozja bil-moħbi tal-azzjonisti konvenuti u biegħ dan l-immobli għall-prezz ridikolu ta' Lm1600.
**Ir-raba' aggravju** – illi ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kap. 168 ta' dak iż-żmien, l-istralċjarju kellu l-obbligu li ma jittransiġix jekk ma jkunx awtorizzat mill-azzjonisti.
- M'huwiex kontestat li l-istralċjarju ma ġabx il-kunsens tal-atturi qabel ma daħal għal dan il-ftehim;
- Il-fatt li l-istralċjarju naqas milli javża l-atturi bin-negozjati juri nuqqas ta' *buona fede*. In-nuqqas ta' *buona fede* jidher ukoll mix-xhieda tal-istralċjarju li l-ewwel qal li ma kienx ra l-valutazzjoni qabel ma sar l-bejgħ u wara biddel il-verżjoni u jgħid li kien jaf biha qabel u mhux wara l-iskrittura mal-Malta Steel Co Ltd;
- L-istralċjarju ikkonferma li ma kienx talab l-awtorizazzjoni bil-miktub mis-soċji kollha (ara xhieda ta' Grech a fol. 375 *et seq* tal-proċess)

- Il-bejgħ ma sarx fl'interess tas-soċjeta imma sar fl-interess ta' terzi biex jagħmlu profitt a diskapitu ta' Tyblock Ltd.

**Il-ħames aggravju** – li fil-fabbrika in kwistjoni kien hemm makkinajru, *boiler*, *plant* u makkinarju li kienu f'kondizzjoni tajba u l-istralċjarju naqas li jġib valutazzjoni tal-istess.

**Is-sitt aggravju** – illi f'paragrafu (iv) tas-sentenza hemm riportati l-kliem tal-perit legali li qal li l-atturi kien ikollhom raġun li kieku rnexxilhom jippruvaw li l-aġir tal-istralċjarju kien motivat b'aġir doluż u skop frawdolenti versu l-atturi. Illi l-aġir tal-istralċjarju li naqas li jirrispondi lill-atturi, li laqqa' lill-konvenuti mingħajr ma nforma lill-atturi, li għamel ftehim mingħajr ma informa lill-atturi, li naqas li jżomm laqgħat sakemm ma ġie rrapurtat lir-Reġistratur u li naqas li jagħti kopja tat-trasferiment tal-fabbrika lill-atturi kollha, juru li l-istralċjarju ma kienx qed jaġixxi b'mod trasparenti u bi *buona fede.*

- L-animu doluż huwa ppruvat ukoll bil-fatt li l-konvenuti permezz tas-soċjeta` Malta Steel Co. Ltd, fis-17/09/1976, kienu biegħu din l-fabbrika lil Malta Metals Moenninghoff Limited ghal Lm50,000, u wara huma b'kollaborazzjoni tal-istralċjarju rranġaw sabiex l-istralċjarju jbiegħ il-fabbrika li kienet ta' Tyblock Limited lil istess Malta Steel Co. Ltd. Edwin Zammit Tabona jammeti li huwa ma ħax Lm50,000 f'kontanti, iżda f'*shares* għas-soċjeta` Malta Metals Moenninghoff.

- L-animu doluż jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-istralċjarju fejn jgħid li qatt ma ra l-minuti tas-soċjeta Tyblock Limited, fejn fil-fatt irriżulta li kellu kopji ta' dawn il-minuti;

**Is-seba' aggravju** – li jidher li l-perit legali u sussegwentement l-Ewwel Qorti ma ttrattawx il-lanjanzi tal-attur b'mod serju. Irriżulta mill-provi li qabel ma ġie nominat il-likwidatur, l-proprjetarji ma kellhom ebda dritt li jitoblu li jieħdu lura l-pussess tal-art u qatt ma bagħtu talba f'dan is-sens jew notifika ta' terminazzjoni tal-kirja. Għalhekk il-perit legali ma kellux raġun meta naqqas il-valur tat-titolu li kellha Tyblock Ltd. Fil-mument li ġie nominat l-istralċjarju, Tyblock Ltd. ma kellha tħallas ebda kera lis-sidien, kif jirriżulta minn ittra indirizzata lill-attur datata 23/8/1974, iffirmata minn Anthony Zammit Tabona;

**It-tmien aggravju** – jirriżulta mhux ikkontestat li l-istralċjarju filwaqt li għamel pagamenti, naqas li jħallas lill-attur Lm 200, liema somma hi privileġġjata a tenur tal-Condtions of Employment (Regulations Act) 1952. Jidher li l-istralċjarju kien taħt il-kontroll tal-konvenuti, għaliex filwaqt li naqas li jħallas lill-attur, ħallas lil MDC.

**Ir-risposta tal-kuraturi deputati appellati**

**11.** Il-kuraturi deputati appellati b'risposta tat-18 ta' Ġunju 2009 wieġbu għall-appell billi sostnew li s-sentenza apellata hija ġusta u timmerita konferma meta jittieħed qies tal-fatt li l-ewwel Qorti daħlet sew fil-fond fl-eżami tal-provi biex b'hekk kull sforz sar biex żgur ikun hemm eżami bir-reqqa tal-istess provi.

**Ir-risposta tal-konvenut appellat Emmanuel Grech *proprio et nomine***

**12.** B'risposta tad-19 ta' Ġunju 2009 il-konvenut appellat Emanuel Grech *proprio et nomine* irrisponda għall-appell billi sostna li l-appell kellu jiġi miċħud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti peress li l-ewwel Qorti għamlet tajjeb li straħet fuq ir-relazzjoni tal-perit legali in vista tal-mod eċċellenti u ferm dettaljat li bih ġiet redatta l-istess relazzjoni.

**13.** Dwar l-aggravji tal-appell għamel l-osservazzjonijiet ulterjuri segwenti:

- Dwar l-ewwel aggravju: il-kawża damet sejra għaliex bdiet fis-sena 1977, u fil-fatt l-attur xehed dwar il-verżjoni tiegħu u għalhekk l-affidavit u n-nota żgur mhumiex ta' importanza determinanti;

- Dwar it-tieni aggravju: b'nota ppreżentata f'Jannar 1985 il-konvenut Emanuel Grech *proprio et nomine* ta dettalji tal-oġġetti li biegħ bid-dati u dokumenti relattivi wara li saru r-reklami fil-gazzetti;

- Dwar it-tielet aggravju: l-istima ta’ Lm17,000 ma saritx b’inkarigu tas-soċjeta`, tant li l-attur kien oppona li s-soċjeta` tħallas id-dritt tal-perit Mangion, u saret biex issir amalgamazzjoni ma’ soċjeta oħra u biex tiġi ottenuta *grant* oħra mill-MDC. Rigward il-bejgħ tal-fabbrika għal Lm 1,600, irriżulta li din nbniet bi spiża ta’ Lm 4165 biss;

- Dwar ir-raba aggravju: l-kunsens tal-azzjonisti mhux strettament neċessarju u n-nuqqas ta’ tali kunsens ma jikkostitwix għemil doluż a dannu tas-soċjeta xjolta;

- Dwar il-hames aggravju: is-soċjeta xolta kienet ilha xi 7 snin ma taħdimx *bricks* u għalhekk wieħed ma jistax jiftakar x’*enhancement* seta kien hemm apparti li l-Gvern ried il-fabbrika biex tkun vojta biex jagħtiha lil soċjeta` oħra;

- Dwar is-sitt aggravju: il-konvenut *proprio et nomine* ma mexiex b’mod frawdolenti u b’mod doluz meta nbiegħet il-fabbrika, għaliex din fil-fatt kienet mibnija fuq art proprjeta` tal-Malta Steel Limited u kienet aċċessibli biss mill-istess soċjeta. Lanqas m’huwa agir doluż li ma rrispondiex għal ittri tal-attur, jew meta ma żammx seduta jew meta ma bagħatx kopja tal-att lill-atturi;

- Dwar is-seba’ aggravju: irrefera għal dak li qal dwar it-tielet aggravju;

- Dwar it-tmien aggravju: ir-raġuni għaliex l-attur ma thallasx il-Lm200 privileġġjati kienet għaliex dawn kienu qegħdin jiġu kkontestati f’kawża oħra u għaliex l-atturi kienu għamlu seduta waħedhom sabiex l-attur jieħu l-paga in kwistjoni.

**Ir-risposta tal-appell ta’ Anthony Zammit Tabona għal kul interess li jista’ jkollu u in rappreżentanza tas-soċjeta` Malta Steel Company Ltd**

**14.** B’risposta tas-26 ta’ Ġunju 2009 l-appellat Anthony Zammit Tabona fil-kwalitajiet tiegħu msemmija wieġeb għall-appell billi sostna li s-sentenza appellata hija ġusta u korretta u timmerita tiġi konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ

istanzi kontra l-atturi appellanti u, wara li ppremetta li huwa prinċipju assodat li l-Qorti tal-Appell bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl'apprezzament li hija tkun għamlet tal-provi, dwar l-aggravji tal-appellant kompla għamel l-osservazzjonijiet segwenti:

- Dwar l-ewwel aggravju: kontrarjament għal dak li jgħid l-appellant jidher *ictu oculi* li l-perit legali rrediġa rapport bir-reqqa wara li eżamina x-xhieda taz-żewġ partijiet u rigward l-allegazzjoni tal-appellanti li l-perit legali rrediġa r-rapport mingħajr ma ħa konjizzjoni tal-affidavit tal-attur saret referenza għal dak li ġie osservat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fis-sens li fil-fatt l-perit legali kien ħa konjizzjoni ta' dan l-affidavit iżda kien tal-fehma li dan ma effettwax l-konklużżjonijiet tiegħu;

- Dwar it-tieni aggravju: il-perit legali wasal għal konklużżjoni li l-istralċjarju kien qeda' dmiru tajjeb fiċ-ċirkonstanzi partikolari tal-każ;

- Dwar it-tielet u r-raba aggravju: ġie rilevat li l-istralċjarju għandu jaġixxi kif fiċ-cirkostanzi jħoss li għandhu jkun f'l-aħjar interess tas-soċjeta` li jirrappreżenta u kif qal il-perit legali fost is-setghat li għandu l-likwidatur hemm li hu jista' jbiegħ il-proprjeta tal-kumpannija anki mingħajr il-ħtieġa tal-awtorita` tal-Qorti li tintervjeni biss jekk jinstab li l-istralċjarju ma jkunx eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu *in buona fede* jew b'manjera li ebda stralċjarju raġonevoli ma kien jaġixxi.

- Dwar il-hames aggravju: l-appellati jagħmlu referenza għar-rapport peritali u in partikolari fejn dan ezamina l-ittra tal-Avukat Degiorgio li minnha kien jirriżulta li l-ħtieġa o meno ta' stima ta' perit dwar x'jikkostitwixxi *enhancement* kellha ssir wara li jittieħed konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha relatati u tal-fatti kollha relevanti u jekk fl-aħħar mill-aħħar jekk Malta Steel Co. Ltd. kienux ħadu jew ser jieħdu xi benefiċċji minnha u żiedu li bħala stat ta' fatt is-soċjeta` msemmija kienet ilha snin twal ma tipproduċi *bricks* u għalhekk huwa ferm diskuttibli x'*enhancement* seta' possibilmnet ikun hemm;

- Dwar is-sitt u s-seba aggravju: l-appellati jgħidu li l-appellanti ma ġabu l'ebda prova li turi li l-istralċjarju kien motivat b'animu doluż u skop frawdolenti u dwar l-osservazzjoni tal-appellanti li Malta Steel Co. Ltd. xtrat in-*nissen hut* bi prezz ta' Lm 1,600 mentri biegħet l-art lil Moenninghoff għal Lm 50,000 jgħidu li dan seta' jsir biss għaliex l-art kienet ta' Malta Steel Co. Ltd. mentri Tyblock Limited kellha biss il-kera tal-*hut* liema kera kienet ilha ma titħallas waqt li l-prezz ta' Lm 50,000 kien biss il-prezz tal-art li kienet proprjeta` ta' Malta Steel Co. Ltd. Skont l-appellati l-istima li għamel il-perit Mangion jirriżulta li saret għal ċerti skopijiet (ta' grant mill-MDC) u ma kienitx tirrifletti l-*book value* reali tal-*hut* u jkkonkludu li għalhekk tajjeb osseva l-perit legali li "l-aġir tal-istralċjarju kien inċensurabbli u ma jimmeritax it-tneħħija tiegħu …"

- Dwar it-tmien aggravju: jergghu jissottolineaw li l-osservazzjoni tal-perit legali li "… l-istralcjarju kien korrett li ma jħallasx lill-attur l-arretrati tas-salarju minnu pretiż ġialadarba dan il-fatt kien qed jiġi kontestat ġudizzjarjament kif evidenzjat minn Dokument LG1."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**15.** Fl-**ewwel aggravju** tagħhom l-appellanti jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha għamlet apprezzament leġġer tal-provi u straħet għal kollox fuq ir-rapport peritali minkejja li l-perit legali ma qisx l-affidavit tal-attur u inoltre l-ewwel Qorti ma qiesetx in-nota tiegħu ta' kritika tar-rapport peritali.

**16.** Fir-realta`, iżda, l-affidavit li għalih jirreferu l-appellanti ma kienx affidavit li sar għall-finijiet ta' din il-kawża iżda huwa affidavit li kien sar għall-finijiet ta' kawża oħra. B'rikors tas-16 ta' Settembru 1994 (fol. 745) ppreżentat wara li l-perit legali kien ġia ppreżenta r-relazjoni tiegħu, l-attur Maġġur Victor Tonna kien talab lill-ewwel Qorti sabiex jogħġobha tordna lill-perit legali jieħu

konjizzjoni tal-affidavit msemmi. Dan ir-rikors ġie komunikat lill-perit legali li b'risposta tat-3 ta' Ottubru 1994 wieġeb li d-dokumenti in kwistjoni inkluż l-affidavit imsemmi kienu nġiebu a konjizzjoni tiegħu wara l-preżentata tar-relazzjoni tiegħu iżda b'danakollu huwa kellu l-opportunita` li jeżaminhom iżda ma kienx tal-fehma li kellu jvarja l-konklużjonijiet tiegħu in kwantu l-istess dokumenti jirrisalu għal perjodu antecedenti n-nomina tal-istralċjarju u dippju' tul din il-kawża l-attur kien ġia amplifika permezz ta' xhieda *viva voce* u *affidavits* il-provi li ried jagħmel. Wara li rat din ir-risposta l-ewwel Qorti fil-5 ta' Ottubru 1994 fuq wiċċ l-istess rikors imsemmi (fol. 745) iddekretat l-istess rikors tal-attur Maġġur Victor Tonna billi ddikjarat li ma kienx hemm lok ta' ebda provvediment ulterjuri. Minn dan id-digriet ma sar ebda appell għalkemm aktar tard b'nota tal-11 ta' April 2006 (fol. 848) l-attur Maġġur Tonna, mingħajr ma kien awtorizzat mill-ewwel Qorti, qabad u ppreżenta l-affidavit tal-5 ta' Mejju 1993 (fol. 849). Barra minn hekk jista' jiżdied li l-affidavit in kwistjoni verament jirreferi għal-żmien antecedenti n-nomina tal-istraċjarju u li l-attur għamel affidavit għall-fini ta' dawn il-proċeduri u anki xehed *viva voce* dwar dan il-każ u li l-perit legali ħa konjizzjoni ta' dawn l-atti. Dan il-parti tal-aggravju, għalhekk, qiegħed jiġi miċħud.

**17.** In kwantu għal dik il-parti tal-aggravju li jirrigwarda in-nota tiegħu ta' kritika tar-rapport peritali għandu jingħad li l-fatt li fis-sentenza ma ssirx riferenza speċifika għal xi dokument partikolari fl-atti tal-kawża ma jfissirx li l-Qorti ma tkunx ħadet konjizzjoni tiegħu jew li ma qisitux. Di fatti fis-sentenza appellata jingħad espressament li l-ewwel Qorti "Rat il-provi li ġew prodotti, id-dokumenti li ġew esebiti u l-atti ta' dan il-proċediment". Dan il-parti ta' dan l-aggravju huwa għalhekk respint ukoll.

**18.** Fil-parti rimanenti ta' dan l-aggravju l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament leġġer tal-provi u dan jidher li għar-raġuni li l-ewwel Qorti, skont l-appellanti, straħet għal kollox fuq ir-rapport peritali.

**19.** Fir-rigward jirriżulta li għalkemm saret nota tal-osservazzjonijiet mill-atturi dwar ir-rapport peritali (fol 788)

ma saret ebda talba għal eskussjoni tal-perit legali jew saret xi talba għal periti addizzjonali u għalhekk ma kien hemmn xejn xi jżomm lill-ewwel qorti milli tistrieh fuq l-istess rapport. Anqas jista' jingħad li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament "leġġer" tal-provi għaliex hija ċċitat fit-tul il-partijiet relevanti tar-rapport peritali fejn sar apprezzament dettaljat u bir-reqqa tal-provi prodotti u l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha kjarament għamlet tagħha l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali u stqarret li taqbel magħhom u mal-konklużjoni li wasal għaliha. Din il-parti tal-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint u b'hekk l-aggravju fl-intier tiegħu qiegħed jiġi miċħud.

**20.** <u>**It-tieni aggravju**</u> tal-appellanti hu fis-sens li ma jaqblux li l-perit legali kien kostrett joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet billi jillimita ruħu għal kif il-kontroversja ta' bejniethom hi ċirkoskritta fil-premessi u talbiet fiċ-ċitazzjoni u għall-eċċezzjonijiet kif sollevati mill-konvenuti u mill-kjamati fil-kawża peress li, in vista tat-talba fiċ-ċitazzjoni għat-tneħħija tal-istralċjarju, l-perit legali u l-ewwel Qorti kienu tenuti li jieħdu konjizzjoni tal-evidenza kollha li tressqet biex turi għaliex kellu jitneħħa l-istralċjarju. F'dan l-aggravju l-appellanti jsostnu li hawn mhux każ ta' bdil fil-kawżali tad-domanda iżda si trattava ta' spjegazzjonijiet u eżempji ulterjuri tan-nuqqasijiet tal-istralċjarju li l-atturi kellhom kull dritt iġibu 'l quddiem in sostenn tat-talba tagħhom.

**21.** Fir-rigward il-Qorti tirrileva li fil-premessi taċ-ċitazzjoni tagħhom l-istess atturi jelenkaw lista twila u dettaljata ta' numru ta' nuqqasijiet speċifiċi minuzjożament deskritti li allegatament kien risponsabbli għalihom il-konvenut stralċjarju Emanuel Grech biex imbgħad iċ-ċitazzjoni tikkonkludi billi l-Qorti ġiet mitluba tiddikjara li "<u>dawn in-nuqqasijiet</u> jiġġustifikaw it-tneħħija ta' l-istralċjarju Emanuel Grech", li l-konvenut kellu jgħid għaliex "<u>konsegwentement</u> ma għandux jiġi mneħħi bħala stralċjarju u jiġi nominat stralċjarju ieħor…" u "il-għaliex <u>imħabba l-istess raġunijiet</u> l-istralċjarju Emanuel Grech ma għandux jiġi dikjarat personalment responsabbli għall-kull dannu li soffrew l-istanti likwidabbli f-ġiudizzju separat" (sottolinear tal-Qorti).

**22.** Għalhekk huwa manifest li l-atturi rabtu t-talbiet tagħhom unikament man-nuqqasijiet minnhom elenkati fiċ-ċitazzjoni u għalhekk ma jistax jiġi sostnut li l-ewwel Qorti żbaljat meta rrestrinġiet il-konsiderazzjonijiet u konklużjonijiet tagħha għal dawk li l-attur stess għażlu li għalihom jillimitaw it-talbiet tagħhom fl-att promotur tal-ġudizzju. Il-Qorti hi obbligata li tillimita ruħha għall-kontroversja quddiemha kif arġinata mill-premessi u talbiet taċ-ċitazzjoni u mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti u mill-kjamati fil-kawża. Dan hu li għamlet l-ewwel Qorti u f'dan għamlet sew u ma hemm xejn x'jiġi kritikat. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint.

**23.** Issa ser jiġu indirizzati l-kumplament tal-aggravji tal-appellanti li jikkonċernaw ir-raġunijiet miġjuba 'l quddiem minnhom sabiex jiġġustifikaw it-tneħħija tal-istralċjarju u t-talbiet konsegwenzjali tagħhom.

**24.** **It-<u>tielet aggravju</u>** u **<u>r-raba' aggravju</u>** ser jiġu trattati flimkien peress li huma intimament konnessi ma xulxin.

**25.** Fit-<u>tielet aggravju</u> tagħhom l-atturi jilmentaw li bħala aġent fiduċjarju tal-kumpanija l-istralċjarju injora stima ta' proprjeta` fl-ammont ta' Lm 17,000 u minflok nnegozja bil-moħbi tal-azzjonisti konvenuti u biegħ dan l-immobli għal prezz ridikolu ta' Lm 1600 filwaqt li fir-<u>raba' aggravju</u> l-appellanti jilmentaw li l-istralċjarju, b'nuqqas ta' *buona fede,* daħal fi ftehim ta' tranżazzjoni tat-8 ta' Ottubru 1976 mingħajr il-kunsens bil-miktub tas-soċji kontra dak li kien jipprovdi l-Artikolu 44 tal-Ordinanza[2] li in virtu' tiegħu l-istralċjarju kellu l-obbligu li ma jittransiġix jekk ma jkunx awtorizzat mill-azzjonisti.

**26.** L-Artikolu 152 tal-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali ("l-Ordinanza"), li hi l-liġi viġenti fiż-żmien tal-fatti mertu ta' din il-kawża, kien jipprovdi fit-tieni proviso tas-subartikolu (1) tiegħu li stralċjarju, sew maħtur mill-kumpannija sew mill-qorti, jista' jitneħħa mill-kariga b'ordni

[2] Għall-faċilita' tar-riferenza n-numri tal-artikoli ċitati huma dawk tal-Ordinanza kif jidhru fl-Edizzjoni tal-1984 tal-Edizjoni Riveduta tal-Liġijie ta' Malta

tal-qorti fuq talba, b'ċitazzjoni magħmula minn membri tal-kumpannija li jkollhom b'kollox mhux anqas minn ghaxra waħda (waħda minn għaxra) tal-kapital azzjonarju mħallas tal-kumpanija, jekk il-qorti jidhrilha li jkun hemm raġunijiet biżżejjed li jiġġustifikaw it-tneħħija tiegħu. Il-liġi ma tispeċifikax f'hix jikkonsistu tali raġunijiet u għalhekk id-deċiżjoni tħalliet fid-diskrezzjoni wiesa' ferm tal-Qorti. Għalhekk, għalkemm ma hux meħtieg li jkun hemm neċessarjament għemil li jkun doluż jew frawdolenti, iżda ċertament lill-Qorti jrid neċessarjament jirriżultaw raġunijiet ta' ċertu grad ta' serjeta` qabel tgħaddi biex tordna t-tneħħija ta' likwidatur u trid tkun persważa li dik it-tneħħija tkun fl-interess tas-soċjeta` u ma tkunx ta' ħsara għaliha jew għall-proċess tal-istralċ.

**27.** Wara r-riżoluzzjoni tax-xoljiment ta' soċjeta` kummerċjali, l-iskop ta' dik is-soċjeta` jinbidel u jittrasforma ruħu f'wieħed ta' realizzazzjoni tal-assi u ħlas ta' djun, u distribuzzjoni bejn is-soċi ta' dak li jkun baqa'[3]. Sabiex jintlaħaq dan il-għan l-istralċjarju għandu setgħat wiesa' ħafna vestiti fih bil-liġi[4]. Skont l-Artikolu 44(1) tal-Ordinanza (applikabbli għall-istralċ ta' kumpaniji bl-Artikolu 156 tal-istess Ordinanza u bl-aġġustamenti dettati minn dan l-artikolu), l-istralċjarju għandu jirrappreżenta lill-kumpanija u jkollu s-setgħa li jagħmel dak kollu li jwassal u li jkun anċillari għall-istralċ tan-negozju tal-kumpanija iżda ma għandu jressaq ebda kwistjoni quddiem arbitraġġ jew jittransiġi jekk ma jkunx hemm riżoluzzjoni straordinarja meħuda mill-kumpanija f'laqgħa ġenerali. Anqas jista' l-istralċjarju jagħmel ebda operazzjoni kummerċjali ġdida[5].

**28.** In kwantu għal dik il-parti tat-tielet aggravju riferibilment ghad-diskrepanza bejn l-ammont ta' Lm1600 li l-istralċjarju aċċetta għall-benefikati tal-fabbrika u l-ammont ta' Lm17,000 (£20554) stmat bħala l-valur tagħha skont l-istima tal-Perit Stephen Mangion (fol. 16) din il-Qorti, minkejja li d-diskrepanza hi waħda konsiderevoli, ma hix sodisfatta li fil-kuntest tal-ċirkostanzi tal-każ kif

[3] Qorti tal-Kummerċ, Salvatore Bondin v. Paul Vella noe., 10/5/1993;
[4] Company Law, Pennington, 3rd Ed., Butterworths, 1973, p. 712.
[5] Art. 44(2) tal-Ordinanza.

jirriżultaw mill-provi din waħeda hi raġuni sufficjenti sabiex tiġi ordnata t-tneħħija tal-istralċjarju u dan sostanzjalment għall-istess raġunijiet mogħtija mill-perit legali fil-paragrafi (36)(ii) sa 36(iv) tar-relazzjoni tiegħu[6].

**29.** Fir-raba' aggravju tiegħu, iżda, l-atturi jilmentaw mill-fatt li ll-konvenut Emanuel Grech b'nuqqas ta' *buona fede,* daħal fi ftehim ta' tranżazzjoni mingħajr il-kunsens bil-miktub tas-soċji u dan kontra dak li espressament kien jipprovdi l-Artikolu 44 tal-Ordinanza li in virtu` tiegħu l-istralċjarju kellu l-obbligu li ma jittransiġix jekk ma jkunx awtorizzat mill-azzjonisti.

**30.** Issa huwa minnu li l-istralċjarju, sabiex jirrealizza l-assi tal-kumpanija, jista' anki jbiegħ proprjeta` immobbli tal-kumpanija[7] iżda dan ma jistax jagħmlu fil-każijiet projbiti mil-liġi; u jekk il-ligi tipprojbixi lill-istraċjarju milli jittransiġi mingħajr il-kunsens tas-soċji, jekk il-bejgħ tal-immobbli jkun parti integrali minn operazzjoni ta' tranżazzjoni allura jsegwi li dak il-bejgħ mill-istralċjarju ma jistax isir. Bl-Artikolu 44(1) tal-Ordinanza l-istralċjarju kellu impost fuqu d-divjet li jittransiġi jekk mhux wara riżoluzzjoni straordinarja meħuda mill-kumpanija f'laqgħa ġenerali. Għalhekk filwaqt li jista' jkun minnu dak li qal il-perit legali fir-relazzjoni tiegħu li "ma jidherx li huwa tassattiv illi għall-kull att singolu li jagħmel stralċjarju fil-kors tal-istralċ huwa għandu 'nolens volens' jitlob awtorizzazzjoni minn qabel tas-soċji" (fol. 780) huwa fl-istess ħin mill-aktar ċar u b'mod tassativ provdut mill-liġi li l-istralċjarju ma setax jittransiġi mingħajr ma jkun hemm riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija meħuda f'laqgħa ġenerali.

**31.** Irriżulta li bi ftehim tat-8 ta' Ottubru 1976 (Doc. H, fol. 50) bejn l-istraċjarju Emanuel Grech u l-kumpanija The Malta Steel Company Limited l-istralċjarju irrinunzja a favur il-kumpanija Malta Steel għall-kirja tal-art f'Hompesch limiti ta' Żabbar li fuqha kienu nbnew benefikati konsistenti f'*factory hut* u l-kumpanija Malta

[6] Fol. 780 – 782 tal-proċess fil-prim' istanza.
[7] Company Law, Pennington, *op. cit.*, p. 712

Steel ħallset lill-istralċjarju s-somma ta’ Lm1600 għas-saldu ta’ kull kumpens dovut lill-istralċjarju għall-benefikati msemmija. Barra minn hekk, il-kumpanija Malta Steel irrinunzjat għal kwalunkwe drittijiet tagħha li titħallas kwalunkwe arretrati ta’ kera jew kumpens li setgħu kienu dovuti lilha għall-użu tal-*factory* hut imsemmija. Dan il-ftehim ma setax kien ħlief in linea ta’ tranżazzjoni tal-pendenzi ta’ bejn il-partijiet sabiex jevitaw kawżi bejniethom. In kwantu tali, l-istralċjarju ma setax jidħol f’dan il-ftehim jekk ma jkunx hemm riżoluzzjoni straordinarja meħuda mill-kumpanija Tyblock Limited f’laqgħa ġenerali. Tali riżoluzzjoni, *ex admissis* mill-istralċjarju stess, ma kienx hemm. Mistoqsi jekk kienx jaf dwar l-Artikolu 44 tal-Kap. 168 l-istralċjarju xehed li huwa ma qagħadx ifittex il-liġi iżda kien biss ħa immedjatament parir legali privat. Dan il-parir legali ma ġiex prodott iżda anki kieku ġie prodott ma jistax iservi sabiex jeżimi lill-istralċjarju mir-responsabbilitajiet tiegħu skont il-liġi jekk dak li għamel ikun għamlu kontra l-liġi kif awtorevolmjent interpretata u applikata mill-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti il-portata tal-allura Artikolu 44 tal-Kap. 168 hija ċara u inekwivoka u daqstant hija ċara u inekwivoka il-portata u effett tal-ftehim imsemmi tat-8 ta’ Ottubru 1976 li ma jistax jiftiehem mod ieħor ħlief li kien ftehim ta’ tranżazzjoni bejn l-istralċjarju u s-soċjeta` The Malta Steel Company Limited, ftehim li l-istralċjarju kien għalhekk projbit milli jidħol fih mingħajr il-kunsens tas-soċji tas-soċjeta` Tyblock Ltd espressa f’riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija meħuda f’laqgħa ġenerali.

**32.** Sabiex ikun hemm raġuni biżżejjed li tiġġustifika t-tneħħija ta’ stralċjarju ma hux meħtieġ li l-għemil in kwistjoni ikun *ultra vires* is-setgħat tiegħu, iżda huwa minnu, kif ritenut mill-perit legali, anki fuq l-iskorta tal-awtur Palmer, li meta dak l-għemil <u>ikun jinkwadra fis-setgħat tal-istralċjarju</u> l-Qorti ma tintervejnix sabiex tneħħi lill-istralċjarju minħabba dak l-għemil jekk ma jirriżultalhiex li l-istralċjarju jkun aġixxa frawdolentement jew tal-anqas b’*mala fede* jew ikun aġixxa b’mod li ebda persuna raġonevoli u responsabbli ma kienet taġixxi bħalu[8]. Il-

[8] Company Law, Pennington, *op. cit.*,, p. 718

kwalifiki ta' aġir frawdolenti jew tal-anqas b'*mala fede*, iżda, ma jibgħux meħieġa fejn l-aġir tal-istralċjarju jkun kontra d-divjet espress tal-liġi jew ikun xort'oħra kontra l-liġi, f'liema ipotesijiet l-aġir vjolattiv tal-liġi jista', anki jekk mhux frawdolenti jew b'*mala fede*, jitqies gravi biżżejjed sabiex il-Qorti tordna t-tneħħija tal-istralċjarju.

**33.** Dan l-aġir palesament kontra l-liġi din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrahx wieħed gravi u ta' preġudizzju serju għad-drittijiet tal-azzjonisti b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġezzjonijiet mhux traskurabbli jew irraġonevoli tal-attur reġistrati permezz tat-tielet aggravju fuq imsemmi, anki jekk waħdu din il-Qorti ma sabitux, fiċ-ċirkostanzi partikolari li rriżultaw, suffiċjenti biex jiġġustifika t-tneħħija tal-konvenut stralċjarju. Din il-Qorti, għalhekk, ssib li l-aġir li minnu jilmentaw l-atturi f'dan ir-raba' aggravju huwa serju bżżejjed sabiex jiġġustifika t-tneħħija tal-konvenut stralċjarju Emanuel Grech għat-tenur tal-Artikolu 44 imsemmi tal-Kap. 168 u għaldaqstant dan ir-raba' aggravju tal-appellanti qiegħed jiġi akkolt.

**34.** Fil-**<u>ħames aggravju</u>** tagħhom l-atturi jilmentaw ukoll li fil-fabbrika in kwistjoni kien hemm makkinajru, *boiler, plant and machinery,* u li dan il-makkinarju kien f'kondizzjoni tajba u l-istralċjarju naqas li jġib valutazzjoni tal-istess minkejja li l-avukat tal-istralċjarju kien issuġġerielu jottjeni valutazzjoni għall-apprezzament tal-*enhancement*. Dan l-ilment, iżda, ma jirriżultax fost l-elenku dettaljat tan-nuqqasijiet attribwiti fiċ-ċitazzjoni tal-atturi li minnħabba fihom l-atturi qiegħdin jitolbu t-tneħħija tal-istraċjarju u qiegħdin jagħmlu t-talbiet konsegwenzjali l-oħra. Għalhekk, għall-istess raġunijiet li għalihom ġie miċħud it-tieni aggravju tal-atturi kif fuq spjegati dan l-aggravju wkoll ma jistax jintlaqa' u qiegħed jiġi respint.

**35.** Is-**<u>sitt aggravju</u>** jikkonsisti filli l-atturi jsostnu li kuntrarjament għal dak ritenut mill-ewwel Qorti u mill-perit legali l-aġir tal-istralċjarju fil-każ tan-nuqqasijiet minnhom elenkati kien motivat b'animu doluż u skop frawdolenti versu l-atturi.

**36.** Fir-rigward ta’ dan l-aggravju, il-Qorti tirrileva li in-nuqqas ta’ prova ta’ motivazzjoni ta’ animu doluż u skop frawdolenti li għaliha jagħmlu riferenza l-appellanti f’dan l-aggravju issemmiet mill-perit legali fil-kuntest ta’ tlett nuqqasijiet speċifiċi allegati mill-appellanti fiċ-ċitazzjoni u ċioe` n-nuqqas ta’ komunika ma’ l-atturi, in-nuqqas da parti tal-istralċjarju li jagħti kopja tat-trasferiment datat 8 ta’ Ottubru 1976 lill-atturi appellanti u n-nuqqas da parti tal-istralċjarju li jżomm il-Laqgħa Ġenerali ta’ kull sena tul l-istralċ. In sostenn ta’ dan l-aggravju l-appellanti jibdew billi sempliċement jistqarru li l-istess fatti ta’ nuqqas ta’ komunika, nuqqas ta’ konsenja tal-kopja tat-trasferiment imsemmi, u n-nuqqas ta’ żamma tal-Laqgħa Ġenerali ta’ kull sena kienu juru li l-istralċjarju ma kienx qiegħed jaġixxi b’mod trasparenti u in good faith. In-nuqqas ta’ trasparenza, iżda, ma jimportax neċessarjament animu doluż jew skop frawdolenti waqt li s-sempliċi fatti nfushom msemmija wkoll ma jimportawx neċessarjament li l-istralċjarju ma kienx in *buona fede* partikolarment meta l-istraċjarju xehed li kien kontinwament iggwidat minn pariri legali tal-avukat tiegħu.

**37.** In kwantu li fil-kuntest ta’ dan l-aggravju bħala prova tal-animu doluż l-appellanti jaċċennaw għal mod kif l-istralċjarju “biegħ” il-fabbrika ta’ Tyblock Limited din il-Qorti ġia sabet fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-raba’ aggravju tal-appellanti li l-fatt li l-konvenut stralċjarju daħal, kontra d-divjet espress tal-liġi, fil-ftehim ta’ tranżazzjoni datat 8 ta’ Ottubru 1976 hu raġuni suffiċjenti għat-tneħħija tiegħu anki mingħjar il-ħtieġa ta’ prova ta’ animu doluż jew skop frawdolenti. B’danakollu din il-Qorti ma hix sodisfatta li b’daqshekk ġie pruvat xi animu doluż jew skop frawdolenti in kwantu rigwardanti it-tlett nuqqasijiet speċifiċi indirizzati f’dan l-aggravju.

**38.** Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint ukoll.

**39.** Fis-**<u>seba’ aggravju</u>** tagħhom l-atturi jsostnu li l-perti legali u konsegwentement il-Qorti ma ttrattawx il-lanjanzi tagħhom b’mod serju. In sostenn ta’ dan l-aggravju l-appellanti jispjegaw id-diffikultajiet li li kienet qed

tirrinfaċċja s-soċjeta Tyblock Limited biex tħallas il-kera tal-art li fuqha kienu saru l-benefikati konsistenti fil-bini tal-fabbrika tas-soċjeta` u l-arranġiamenti li saru sabiex l-istess soċjeta` tkun tista' tħallas il-kera li ma komplietx titħallas mill-istralċjarju meta dan ġie nominat. L-appellanti jsostnu li per konsegwenza qabel ma ġie nominat l-istralċjarju l-proprjetarji ma kellhom ebda dritt li jitolbu li jieħdu l-pussess tal-art u qatt ma talbu li jagħmlu dan jew taw avviż tat-terminazzjoni tal-kirja. U għalhekk il-perit legali ma kellux raġun meta naqqas il-valur tat-titolu li kellha Tyblock Ltd. Anki jekk dak allegat mill-appellanti in konnessoni ma' dan l-aggravju jirriżulta għal kollox minnu dan b'ebda mod ma jsostni l-istess aggravju li l-perit legali jew il-Qorti, jew it-tnejn, ma ttrattawx il-lanjanzi tagħhom b'mod serju. Anzi, jirriżulta li l-lanzjanzi tal-appellanti ġew eżaminati bir-reqqa mill-perit legali u mill-ewwel Qorti li kkonsidrathom u kienet tal-fehma li kellha taddottahom, anki jekk il-konklużjonijiet li waslu għalihom l-istess perit legali u l-ewwel Qorti ma kienux dawk li kienu jawspikaw l-appellanti. Għalhekk dan l-aggravju ma jirriżultax sostnut u qiegħed ukoll jiġi respint.

**40.** Fit-**<u>tmien u l-aħħar aggravju</u>** tagħhom l-appellanti jsostnu li l-istralċjarju naqas milli jħallas lill-attur Lm200, liema somma hi privileġġjata skont il-liġi u li minn dan jidher li l-istralċjarju kien taħt il-kontroll tal-konvenuti għaliex filwaqt li huwa naqas li jħallas lill-attur ħallas lil MDC għaliex il-konvenuti jsostnu li t-talba tal-MDC kienet ġustifikata. Jidher li dan l-aggravju qiegħed jinġieb 'il quddiem sabiex isostni t-talba tal-appellanti fiċ-ċitazzjoni li dan in-nuqqas huwa raġuni suffiċjenti skont il-liġi għat-tneħħija tal-istralċjarju. Il-perit legali ikkonsidra fid-dettal il-pretensjoni tal-appellant għas-somma ta' Lm200 kif ukoll il-pagament da parti tal-istralċjarju tal-ammont pretiż mill-M.D.C. u għar-raġunijiet akkuratament spjegati mill-perit legali[9], u li b'ebda mod ma ġew minimament indirizzati mill-appellanti f'dan l-aggravju, l-aġir tal-istralċjarju fir-rigward tagħhom ġie ritenut inċensurabbli u li ma jimmeritax it-tneħħija tal-istralċjarju u/jew li jwieġeb għad-danni. Tenut kont tal-fatt li r-raġunijiet mogħtija mill-perit

[9] Fol. 782 sa 784 tal-proċess ta' prim' istanza

legali u li ġew addottati mill-ewwel Qorti b'ebda mod ma ġew kontestati jew minimament indirizzati mill-appellanti fl-aggravju tagħhom, din il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex għandha tiddipartixxi minnhom u mill-konklużjoni milħuqa a bazi tagħhom u għalhekk din il-Qorti ssib li dan l-aggravju wkoll ma ġiex sostnut u qiegħed jiġi respint.

**41.** In vista tal-konklużjoni raġġunta f'din is-senteza li l-ftehim ta' tranżazzjoni tat-8 ta' Ottubru 1976 li il-konvenut stralċjarju Emanuel Grech daħal fih jammonta għal nuqqas da parti tiegħu li jiġġustifika t-tneħħija tiegħu minn stralċjarju tas-soċjeta` Tyblock Ltd u din il-Qorti ser għalhekk tilqa' t-talba għat-tneħħija tiegħu, jibqa' li jiġu konsidrati t-talbiet konsegwenzjali tal-atturi appellanti sabiex jiġi nominat stralċjarju ieħor sabiex ikompli l-istralċ, kif ukoll it-talba sabiex tiġi dikjarata nulla u bla effett l-iskrittura privata tat-8 ta' Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino u t-talba l-oħra sabiex l-istess Emanuel Grech jiġi dikjarat personalment responsabbli għal kull dannu li sofrew l-atturi likwidabbli f'ġudizzju separat. Peress li, in vista tal-konklużjonijiet raġġunti mill-perit legali u fis-sentenza appellata, la l-partijiet u anqas l-ewwel Qorti ma kellhom l-okkażżjoni japprofondixxu t-talbiet imsemmija, din il-Qorti hi tal-fehma li hu opportun li sabiex il-partijiet ma jiġux privi mill-benefiċċju tad-doppio eżami dwar l-istess talbiet il-proċess għandu jiġi rimess lill-ewwel Qorti għad-deċiżjoni fil-mertu tal-istess talbiet.

__**Decide**__

Għaldaqstant din il-Qorti tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talba tal-atturi limitatament fis-sens li tiddikjara li n-nuqqas tal-konvenut stralċjarju Emanuel Grech meta daħal fil-ftehim ta' tranżazzjoni bl-iskrittura privata datata 8 ta' Ottubru 1976 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino li biha biegħ il-fabbrika minn fejn kienet topera is-soċjeta` Tyblock Ltd lis-soċjeta` Malta Steel Co. Ltd jiġġustifika t-tneħħija tiegħu minn stralċjarju u qegħdha konsegwentement tneħħih minn stralċjarju tal-istess soċjeta` u qegħdha tinnomina minfloku bħala stralċjarju lil Dr. Kevan Azzopardi, riċevitur uffiċjali, biex ikompli l-istralċ tas-soċjeta` Tyblock Ltd u tordna li l-atti

tal-kawża jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti għad-deċizjoni dwar it-talbiet l-oħra konsegwenzjali għal din is-sentenza u li baqgħu mhux deċiżi f'din is-sentenza.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali filwaqt li dawk tal-appell, fiċ-ċirkostanzi trattandosi tan-novita` tal-punti li kellhom jiġu konsidrati u deċizi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------